IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

12 ta' Ġunju 2015

69/2015

## AĠĠORNAMENT TAL-KLERU 2015

Is-saċerdoti djoċesani u reliġjużi, flimkien mal-Arċisqof Charles J. Scicluna, attendew għal Kors ta' Aġġornament li sar fis-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù. Dan il-kors ta' aġġornament teoloġiku u pastorali għall-kleru beda nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju 2015, u ntemm nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju. L-għan ewlieni ta' dan il-kors hu li joffri lis-saċerdoti opportunità ta' riflessjoni, diskussjoni u djalogu dwar temi kurrenti relatati mat-teoloġija, mal-ħidma pastorali tal-knisja, u ma' temi oħra kulturali, ekonomiċi u soċjo-politiċi.

Fil-bidu tat-tmexxija u tal-ħidma pastorali tal-Arċisqof il-ġdid, il-kors ta' din is-sena ndirizza l-ħtieġa tal-Knisja lokali li tiddixxerni s-sinjali ta' żminijietna bil-għan li tkompli taġġorna l-viżjoni u l-għażliet pastorali għas-snin li ġejjin.

Il-kelliema kienu Dr Ranier Fsadni, Rev Dr Joe Borg, Dr Petra Caruana Dingli, Dr Anna Vella, Rev Dr Jimmy Bonnici, Rev Dr Joe Ellul, Patri Andrew Galea OFM Conv., Rev Dr Renè Camilleri, Mr Noel Mifsud, Prof. Paul Pace, Patri Mark Cachia S.J.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org